EU funds for Malta | 2014 2020

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT
GREAT SIEGE ROAD, FLORIANA, MALTA

APPENDIX B

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**POST TA' *ALLIED HEALTH PROFESSIONAL (SPEECH AND LANGUAGE THERAPIST)* GĦAL-PROĠETT LENTI FUQ L-IŻVILUPP TA' WLIEDNA FIL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**(skont l-pjan tal-*HR* tal-Ministeru 2016)**

''Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jirreferu wkoll għall-femminil.''

## 1.0 Introduzzjoni

1.1 Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Allied Health Professional (Speech and Language Therapist)* għall-proġett "Lenti fuq l-Iżvilupp ta' Wliedna" fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

## 2.0 Termini u kundizzjonijiet

2.1.1 Is-salarju ta' *Allied Health Professional* (b'Diploma) huwa fi Skala ta' Salarju 12, li fit-2016 huwa €15,972 fis-sena, li jiżdied b'€354 fis-sena, sa massimu ta' €18,096.00.

2.1.2 Persuna fil-grad ta' *Allied Health Professional* (b'Diploma) titla' fi Skala ta' Salarju 10 (€18,127.98 x €407.67 - €20,574), wara ħames snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.1.3 Barra minn hekk, persuna fil-grad ta' *Allied Health Professional* (b'Diploma) tiġi promossa għall-Skala ta' Salarju 9 (€19,320.00 x €447.33 - €22,004.00) wara 10 snin servizz fil-grad ta' Allied Health Professional (b'Diploma) Skala ta' Salarju 10, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2.1 Is-salarju għall-post ta' *Allied Health Professional* (b'Degree) huwa Skala ta' Salarju 10, li fit-2016 huwa (€18,127.98 x €407.67 - €20,574).

2.2.2 Persuna fil-grad ta' Allied Health Professional (b'Degree) titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€19,320.00 x €447.33 - €22,004.00) mat-tmiem ta' sentejn servizz fil-grad jekk il-persuna tkun qdiet dmirijietha b'mod sodisfacenti

2.3.1 Is-salarju għall-post ta' *Allied Health Professional* (b'Degree) li għandhom fil-pussess tagħhom kwalifika rikonoxxuta (Master's) f'Livell 7 tal-MQF huwa Skala ta' Salarju 10 li jitla għal Skala ta' Salarju 8 (€20,619.02 x €486.83 - €23,540.00) fi tmiem sentejn servizz fil-grad ta' *Allied Health Professional* (b'Degree), jekk il-persuna tkun qdiet dmirijietha b'mod sodisfaċenti.

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities
and promote the wellbeing of society"
Scholarships may be considered for part-financing by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% EU Funds; 20% National Funds

2.3.2 Sa kemm kwalunkwe applikant fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta (Master's) f'Livell 7 tal-MQF, u li jkollhom mill-anqas sentejn servizz b'mod sodisfaċenti fil-grad ta' *Allied Health Professional* mal-Gvern, b'mod immedjat javvanzaw għal Skala ta' Salarju 8 skont il-provvedimenti kif stipulati fil-PSMC minn żmien għall-żmien. Kif jitpoġġew fi Skala ta' Salarju 8, dawn l-*Allied Health Professionals* iridu isegwu l-programm ta' kompetenza u l-qafas ta' evalwazzjoni biex ikunu jistgħu jimxu 'l quddiem fil-karriera.

2.4 Il-persuna magħżula tkun intitolata għall-benefiċċji/*allowances* u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligazzjonijet oħra li jistghu jkunu stipulati f'xi ftehim bejn il-Gvern u Union kompetenti.

2.5 L-ingaġġ, huwa marbut b'sena *probation*, u suġġett għar-regolament stabbiliti minn żmien għal żmien mis-Settur Pubbliku u mill-Kap tal-Proġett jew mid-delegat parikolari tagħha/tieghu.

2.6 Is-salarju ta' *Allied Health Professional* jista jkun parzjalment finanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea sa Diċembru, 2020. Minn hemm 'l quddiem (Jannar 2021), is-salarju jkun kopert minn Fondi Nazzjonali.

**3.0 Dmirijiet**

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' *Allied Health Professional* (*Speech and Language Therapy*) jinkludu:

- L-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-intervent tal-programmi għat-tfal (*Augmentative and Alternative Communication* (AAC) u *Assistive Technology* (AT)) mal-*Complex Communication Needs* (CCN) li kienu riferuti mill-proġett Nazzjonali ta' *Screening* "Lenti fuq l-Iżvilupp ta' Wliedna";
- Li tifforma parti minn tim transdixxiplinarji fl-assessjar, fl-intervent u fl-implimentazzjoni tal-AT u l-AAC li jinkludi l-*Occupational Therapists* u l-LSA's;
- Li b'mod indipendenti timmaniġġja tfal bi ħtiġijiet ta' kommunikazzjoni kumplessi *Complex Communication Needs* (CCN) wara li jkunu ġew assessjati minn *National Screening Project*;
- Isir assessjar tat-tfal b'CCN għall-*Augumentative and Alternative Communication* (AAC) u għall-*Assistive Technology Programmes* (AT);
- Li toffri sostenn lill-għalliema tal-klassi, edukaturi speċjali, *Learning Support Assistants*, ħaddiema oħra fl-iskola u fiċ-*Child Care Centres* u għall-ġenituri fl-iżvilupp ta' varjieta ta'strateġiji biex jimplimenta programm ta' AAC u AT skont il-ħtiġijiet individwali tal-istudenti. Dan jista' jinkludi l-provvediment ta' taħriġ, attendanza f'*IEP*s u f'dak li huwa appoġġ fil-klassijiet;

- li tippromwovi l-użu ta' dak li jkun l-aktar effettiv u adekwat ma' dak kollu relatat mad-dijanjożi tal-istudenti fl-ispettru wiesgħa tas-CCN li jinkludi anke l-ispettru tal-Awtiżmu (ASD);

- Li ssir dokumentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-interventi u li jipprovdu assessjar u rapport fuq il-progress tat-tfal li jingħataw dan is-servizz kif huwa stipulat mill-Politika u mill-Proċeduri tad-Dipartiment;

- Tipprepara rapport bil-miktub ta' evalwazzjoni u interventi ta' *Speech and Language Therapy* kif ukoll rapporti dettaljati ta' dak li jkun meħtieġ għal-*Speech and Language Therapy* relatati mal-edukazzjoni li jkunu jistgħu jintużaw għall-pjan edukattiv individwali għat-tfal (IEPs). Dawn ir-rapporti jistgħu ikunu miktubin ma' membri oħrajn tat-tim;

- Il-provvediment ta' informazzjoni u pariri għall *carers* u għall-istaff edukattiv permezz ta' metodi varjati fosthom it-telefown, l-emejl, websajt u materjal ieħor miktub;

- Il-parteċipazzjoni fi proġetti ta' riċerka;

- L-involviment b'mod attiv fl-ppjannar għall-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ta' *Speech and Language Programmes* relatati mal-proġett;

- L-involviment fl-iżvilupp professjonali kontinwu b'konformità mal-*Competency Programme and Evaluation Framework*;

- Li tipprovdi lill-istaff li jkun għadu kif daħal fid-dinja tax-xogħol l-opportunità li jikseb esperjenza taħt superviżjoni;

- Li taqdi dmirijet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tal-*Project Leader* jew id-delegat/a tiegħu/tagħha;

- Li tagħmel xogħlijiet oħra assenjati lilha minn żmien għal żmien kif mitlub mis-Segretarju Permanenti MEDE;

- Li taqdi dmirijet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Aktar dettalji dwar id-dmirijiet jistgħu jinkisbu mis-Servizzi għal Istudenti fuq numru tat-telefown 21255876.

**4.0 Rekwiżiti tal-eliġibbiltà**

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; **jew**

(b) ċittadini ta’ Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropeja li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg bis-saħħa ta’ leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

(c) ċittadini ta’ kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta’ impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati dwar iċ-ċaqlieq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

(d) kwalunkwe persuni oħra li huma intitolati għall-trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati mal-impjiegi f’termini ta’ liġi permezz jew il-leġislazzjoni Ewropeja msemmija tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f’(a), (b) jew (ċ), skont kif stipulat fil-liġi jew fil-leġislazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta’ trattati msemmija hawn fuq; **jew**

(e) ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f’Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar “Status ta’ Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi)”, jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta’ ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta’ residenza taħt “ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji”.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* għandu jiġi mfittex skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta’ kandidati msemmija f’(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta’ liċenzja tax-xogħol f’dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u Ingliza; u

(iii) fil-pussess ta’ ċertifikat ta’ registrazzjoni bħala *Speech Language Therapist* mal-*Council for Professions Complementary to Medicine (Malta)*; u

(iv) fil-pussess ta’ kwalifika rikonoxxuta (Diploma) fil-livel 5 tal-MQF (dment li jkollhom minimu ta’ 60 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta’ programmi li bdew minn Ottubru 2003 ’l quddiem) *f’Speech Language Therapy*; jew

(v) fil-pussess ta’ kwalifika rikonoxxuta (Degree) fil-livel 6 tal-MQF (dment li jkollhom minimu ta’ 180 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta’ programmi li bdew minn Ottubru 2003 ’l quddiem), *f’Speech Language Therapy*; jew

(vi) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta (Degree) fil-livel 6 tal-MQF (dment li jkollhom minimu ta' 180 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2003 'l quddiem), *f'Speech Language Therapy* u kwalifika relatata rikonoxxuta (Master's) fil-livel 7 tal-MQF (dment li jkollhom minimu ta' 60 kredtu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, fir-rigward ta' programmi li bdew minn Ottubru 2008 'l quddiem).

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbilità, basta jkunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki imsemmija hawn fuq formalment xorta jiġu ikkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki imsemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Dawn l-applikanti ikunu mistennija li ikollhom ċertifikat ta' registrazzjoni bħala *Speech Language Therapist* mall-*Council for Professions Complementary to Medicine (Malta)* biex tkun tista tiġi impjegat/a.

(vii) ikunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post/pożizzjoni li l-persuna qed tapplika għaliha (applikanti li diġa' qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita' oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kienux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji.

4.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 4.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

4.3 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorita' pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel).

## 5.0 Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun mehmuża mal-applikazzjoni. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati. Ċertifikati ta' Degree/Diploma/*Post Graduate* jew kwalifiċi komparabbli, iridu jkunu kkumpanjati b'traskrizzjoni (Diploma/*Certificate Supplement)* bl-Ingliż, u juru d-Degree miksuba u l-klassifikazzjoni finali. Kopji *scanned* mibgħuta b'mod elettroniku huma aċċettati.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

## 6.0 Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 200 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 100. Il-Kriterju tal-Assessjar jinsabu fuq is-sit https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx

6.2 Notifika ta' pubblikazzjoni tar-riżultat tista tara' mis-sit https://education.gov.mt/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx

**7.0 Sottomissjoni tal-applikazzjoni**

7.1 Applikazzjonijiet, flimkien ma' Formola ta' Rekord tas-Servizz u l-*leave* aġġornata fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi (GP 47) u sommarju tal-kwalifiki u esperjenza fil-Format tal-*Curriculum Vitae* Ewropew, għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal tal-Ingaġġ tal-Edukazzjoni **BISS** f'dan l-indirizz: **https://edurecruitment.gov.mt** mhux aktar tard minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru 2016**. Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' emejl tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet.

7.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.3 L-impjegati tal-MEDE biss, minbarra l-entitajiet, għandhom japplikaw għall-GP 47 billi jibgħatu emejl fuq records.mede@gov.mt, u jindikaw b'mod ċar, l-isem u l-kunjom sħiħ, in-numru tal-karta tal-Identità, il-Grad, in-numru tat-telefon, u l-indirizz tad-dar flimkien mar-referenza tas-sejħa li applikajt għaliha. Il-Kopja tal-GP 47 tinbagħat lill-applikant permez ta' emejl waqt li l-oriġinali tinbagħat lill-Bord tal-Għażla.

7.4 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti hawn taħt.

**8.0 Provvedimenti Ġenerali Oħra**

8.1 Provvedimenti ġenerali oħra li jikkonċernaw dis-sejħa għall-applikazzjoni, b'referenza partikolari għal:

- Perjodu tal-*Probation* u kondizzjonijiet oħra applikabbli;
- akkomodazzjoni xierqa għal persuni reġistrati b'diżabilità;
- sottomissjoni ta' dokumenti ta' għarfien dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- il-proċess għas-sottomissjoni ta' talbiet li jikkonċernaw ir-riżultat;
- eżami mediku;

- aċċess għal formoli tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
- żamma ta' dokumenti

jista' wieħed jarahom billi jidħol fil-websajt tal-Amministrazzjoni Pubblika HR Office f'dan l-indirizz: https://opm.gov.mt/en/PAHRO/RESOURCING/Documents/Forms%20and%20Templates/GENERALPROVISIONS-PUBLICCALLFORAPPLICATIONS-POSTS.pdf w jistgħu jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana VLT 2000, jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex VCT 2000. Dawn il-provvedimenti ġenerali għadhom jitqiesu bħala parti integrali minn dis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għar-raġuni ta' paragrafu 6.2 tal-Provvedimenti Generali għal dis-sejħa, l-emejl huwa info.education@gov.mt